MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Talba Numru. 1917/2004

**GasanMamo Insurance Ltd (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Simon Bartolo (ID298970M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Simon Bartolo.**

**Vs**

**Jesmond Debono (ID 171668M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Ottubru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1014.50 (elf u erbatax-il Lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati f'serqa bi sgass fuq il-vettura EBD fil-lejl bejn il-31 ta' Awissu 2003 u l-1 ta' Settembru 2003.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf u erbatax-il Lira u hamsin centezmu (Lm1014.50) rapprezentanti danni kagunati fil-vettura bin-numru EBD 029, meta fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Awissu, 2003 u l-1 ta’ Settembru, 2003, saret serqa bi sgass fuq il-vettura imsemmija, u liema somma tirraprezenta hsarat, danni u valur ta’ oggetti u dokumeti misruqa, inkluz flus kontanti u cekkijiet, liema vettura kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-assikurat tagha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba dolo u culpa da parti tieghu.

Interpellat sabiex ihallas permezz ta’ ittra ufficjali datata 7 ta’ Lulju, 2004, il-konvenut baqa` inadempjenti.

L-ammont mitlub jinkludi mitt Lira (Lm100) ‘excess’ imhallsa mill-assikurat tas-socjeta` attrici, Simon Bartolo, li kien assikurat taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Lulju, 2004, u bl-imghax pagabbli mis-7 ta’ Lulju, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba ta’ l-attrici ghandha tigi michuda u dan stante illi l-istess talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi minghajr pregudizzju l-ammont mitlub mill-atturi huwa esagerat.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Jirrizulta illi giet kagunata hsara fil-vettura tal-attur Simon Bartolo fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Awissu 2003 u l-1 ta’ Settembru 2003 u li minnha
nsterqu wkoll xi oggetti.

Jirrizulta illi l-istess konvenut ammetta a tempo vergine mal-Pulizija nvestigattiva li kien hu li ghamel l-istess hsara pero’ nnega li seraq xi affarijiet minnha u dana minhabba ragunijiet familjari soliti. L-istess attur ta’ x-xhieda tieghu fis-seduta tat-8 ta’ Frar 2004.

Illi l-istess Simon Bartolo kien assigurat mas-socjeta` attrici fuq assigurazzjoni comprehensive u hallsitlu l-ispejjes kollha hi.

Illi l-konvenut ghalkemm ghamel risposta ghal avviz, inghata diversi possibilitajiet biex jiddefendi u jaghti x-xhieda tieghu izda dana huwa ma ghamlux.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni illi, t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti anchor che fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni da parti ta’ l-istess konvenut. Il-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi accettat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta’ elf mija u erbatax il-lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,114.50), bl-ispejjes u nteressi kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------